MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1741/1998/1

**Onor. Dr. Charles Mangion**

**vs**

**Mario Galea u l-Partit Nazzjonalista**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 27 ta' Awwissu 1998 pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn espona : -

Illi l-konvenuti fil-25 ta' Awwissu 1998, ippubblikaw stqarrija pubblika ghall-istampa ffirmata mill-konvenut Mario Galea u mahruga mill-konvenut Partit Nazzjonalista intestata "Charles Mangion jikkonferma x-xiri skandaluz ta' proprjeta' tal-Ministri u Deputati Laburisti" li permezz taghha implikaw u allegaw fost ohrajn li l-istanti kien

involut fi "skandlu" bil-fatt li kumpanija li ghandu sehem fiha tefghet offerta pubblika biex tbiegh proprjeta` lill-Awtorita' tad-Djar, li sar xi haga hazina jew irregolari, u li ghandu jigi mkecci.

Illi dawn l-allegazzjonijiet u insinwazzjonijiet huma ghal kollox infondati u bla bazi u l-process kollu kien regolari, miftuh ghal kulhadd, u sahansitra l-istanti kien iddikjara l-interess tieghu u talab li jkun hemm minn qabel l-iskrutinju tal-Awditur Generali.

Illi bl-istess stqarrija l-konvenuti taw malafama lill-istanti billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u li jesponuh ghar-redikolu u ghad-disprezz tal-pubbliku.

Illi barra l-gravita' tal-ingurja fiha nnifisha jidher car mill-mod kif gie msemmi l-istanti u mill-assjem tal-artikoli, illi l-iskop tal-istqarrija u l-insinwazzjonijiet fiha huwa li jaghmel hsara lill-istanti fi zmien krucjali tal-kampanja elettorali ghall-elezzjonijiet generali billi jimplika li huwa kien responsabbli ta’ skandlu u rregolarita' li kellha twassal ghat-tkeccija tieghu.

Illi l-istanti bhala parti offiza ghandu dritt ghad-danni kontemplati fl-Att dwar l-Istampa (Kap 248 tal-Ligijiet ta' Malta).

Jghidu il-konvenuti ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-istanti bl-istampat fuq imsemmi bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu;

2. Tikkundanna lil kull wiehed mill-istess konvenuti ihallsu lill-istanti dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li ghandhom jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-11 ta’ Marzu 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Mario Galea u l-Partit Nazzjonalista datata 18 ta’ Frar 1999 (fol 9) fejn espona : -

1. Illi wiehed miz-zewg konvenuti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi ma jistax ikun hemm zewg awturi tal-istess stqarrija u l-konvenut l-iehor mhux azzjonabbli taht il-Ligi tal-Istampa.

2. Fil-meritu u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi l-istqarrija in kwistjoni tikkontjeni fatti lill-eccipjenti ser jippruvaw il-verita' taghhom u opinjonijiet li jammontaw ghall-'fair comment'.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuti datata 28 ta’ Mejju 2007 a fol 176 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur datata 5 ta’ Gunju 2007 a fol 182 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta’ Gunju 2007 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn Dr. Joseph Zammit Maempel ghamel sottomissjonijiet ulterjuri b’ referenza ghan-nota ta’ sottomissjonjiet tal-attur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Ottubru 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Marzu 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ordni ta’ din l-istess Qorti din il-kawza giet differita ghall-31 ta’ Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

L-attur qed jitlob lil din l-Qorti sabiex tiddeciedi u tiddikjara li l-konvenuti taw malafama permezz ta' Stqarrija ghall-Istampa mahruga fil-25 ta' Awwissu 1998 taht it-titolu **"Charles Mangion jikkonferma x-xiri skandaluz ta' proprjeta' tal-Ministri u Deputati Laburisti**" li permezz taghha implikaw u allegaw fost ohrajn li l-istanti kien involut fi "skandlu" bil-fatt li kumpanija li ghandu sehem fiha tefghet offerta pubblika biex tbiegh proprjeta` lill-Awtorita' tad-Djar, li sar xi haga hazina jew irregolari, u li ghandu jigi mkecci.

L-attur ghalhekk qed jitlob li l-konvenuti jkun ikkundannati ihallsu somma li tigi determinata *in linea* ta' danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li hu sofra minhabba l-pubblikazzjoni imsemmija.

Fl-eccezzjonijiet taghhom, il-konvenuti jghidu li wiehed minnhom ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju billi ma jistax ikun hemm zewg awturi tal-istess stqarrija ; u fit-tieni lok, li l-istqarrija in kwistjoni tikkontjeni fatti li l-eccipjenti se jippruvaw il-verita' taghhom u opinjonijiet li jammontaw ghall-'fair comment.'

Din il-kawza hija konnessa u miexja flimkien ma' zewg kawzi ohra fl-ismijiet "***Onor.Dr. Charles Mangion -v- Onor.Perit George Pullicino*** *(Citaz. Nru. 1768/1998 LSO)* u **"*Onor.Dr.Charles Mangion -v- Joseph Zahra et.***(*Citazz.Nru. 1742/1998 LSO)* u kien intiz bejn il-partijiet billi, ghajr ghall-provi li jirreferu ghall-kawza partikolari, il-provi li ngabru kellhom japplikaw ghat-tlett kawzi stante li jirreferu sostanzjalment ghall-allegazzjonijiet simili u konnessi.

Il-Qorti ser tillimita ruhha biex tikkonsidra l-provi rilevanti ghall-pubblikazzjoni l-mertu ta' din il-kawza .

### Provi Prodotti

L-istqarrija tal-Istampa (**Dok A)** mertu ta' din il-kawza hija intestata "**Charles Mangion jikkonferma x-xiri skandaluz ta' Proprjeta' tal-Ministri u Deputati Laburisti."** Din l-Istqarrija hija mahruga fuq karta intestata tad-Dar Centrali PN u hija ffirmata mill-konvenut Mario Galea.

Bazikament tghid li l-attur ikkonferma dak kollu li qal il-Kap tal-Partit Nazzjonalista, Dr. Eddie Fenech Adami, dwar l-iskandlu ta' xiri ta' proprjeta tal-Ministri u Deputati Laburisti u kumpaniji qrib il-Partit Laburista.

F'din l-istqarrija hemm riferenza ghax-xiri mill-kumpanija Elcar Company Ltd. u "*Ghalkemm in-Nutar Mangion qed jghid li ddikjara l-interess tieghu, dan ma jnehhi xejn mill-fatt li l-Gvern b'mod mill-iktar skandaluz, kien qed jixtri proprjeta' ta' Ministru jew Deputat tal-Gvern granet qabel l-elezzjoni.*

*In-Nutar Mangion qed iwahhal fl-Awtorita' tad-Djar ghall-fatt li din ghamlet appuntament biex isir il-konvenju. Ghal darb'ohra hadd ma jemmen li appuntament bhal dan sar bi zball jew b'kumbinazzjoni.*

*In-Nutar Mangion issa qed jgharraf lill-pubbliku li qed jirtira l-offerta biex il-kumpanija li fiha hu mdahhal tbiegh proprjeta` lill-Gvern. Kieku n-Nutar Mangion jemmen tassew li m'hemm xejn hazin f'dak li qed jaghmel, ghaliex qed jirtira l-offerta?"*

L-istqarrija tkompli tfakkar li l-Prim' Ministru Dr. Alfred Sant kien wieghed li jkecci kull Ministru jew Segretarju Parlamentari li jkun imdahhal fi skandli bhal dawn u l-fatt li baqa’ ma ghamel xejn ifisser li kien qed jaqbel ma' dak li sar "*fejn tal-qalba qed jippruvaw jahtfu l-miljuni lejliet l-elezzjoni."*

**<u>Provi Prodotti</u>**

**Xehed l-Onor. Prim Ministru Dr. Eddie Fenech Adami[1].** Qal li gimghat qabel l-elezzjoni tal-1998 kellhom informazzjoni li l-Awtorita' tad-Djar kienet sejra tixtri proprjeta', u harget xi stqarrija li lesta li tixtri proprjeta` mibnija lesta, ghall-finijiet ta' *social housing*. Saru jafu b'diversi kuntratti, fosthom ta' ammonti rilevanti u dehrilhom li l-proceduri kif kienu qeghdin isiru b'mod vicin hafna l-elezzjoni jqajmu suspetti kbar ta' x'kienu r-ragunijiet ghaliex kienu qeghdin isiru dawn il kuntratti.

"*Niftakar li kien issemma' in-Nutar Charles Mangion kemm bhala nutar li jaghmel konvenji ..minn dawn li kienu qeghdin jissemmew, kif ukoll kien involut hu f'xi kumpanija ma' xi hadd iehor..* deputata ohra jew ir-ragel taghha, *ta' Helena Dalli jidhirli, li kellhom kumpanija bejniethom u kienu qeghdin ibieghu, igifieri kien sar xi konvenju biex ibieghu proprjeta taghhom lill-Awtorita' tad-Djar*." Hu qal li kien ikkummenta iktar minn darba li dawn kienu transazzjonijiet suspettuzi hafna.

Wara l-elezzjoni il-Ministru responsabbli ghall-Politika Socjali ezamina dawn il-konvenji li kienu pendenti u deherlu li jekk mhux kollha, kwazi kollha ma kienux saru kuntratti fuqhom. Il-Partit, qabel l-elezzjoni kien talab lill-Prim Ministru, dak iz-zmien il-Kap tal-Partit Laburista, biex jezamina l-konvenji kollha, anke naturalment fejn ma kien hemm l-ebda deputat involut.

**Xehed Dr. Lawrence Gonzi** [2] li kkonferma li bhala Ministru tal-Politika Socjali, talab d-dokumentazzjoni kollha li kellha x'taqsam mal-iskema li l-Awtorita` tad-Djar kienet harget biex tixtri proprjeta` minghand il-privat u gie redatt rapport dwar l-istess. Irrizulta li l-Awtorita' tad-Djar f'xi zmien kienet hasbet biex tohrog avviz fejn tistieden lil dawk li kienu interessati biex ibieghu l-proprjeta` taghhom lill-Awtorita'. Meta harget l-istedina b'avvizi ghal xi Frar 1998, ingibdet l-attenzjoni tal-Awtorita` li dawk l-applikanti li kienu qed joffru post gebel u saqaf, kienu qed jinkludu fil-prezz tal-offerta taghhom mhux biss il-valur tal-

[1] Xhieda a fol.34 et.seq. tal-process.
[2] Xhieda a fol.41 et.seq. tal-process.

proprjeta` imma anke l-valur tax-xoghlijiet li riedu jsiru biex issir abitabbli. Qamet kwistjoni fis-sens li l-Awtorita` ma tistax taghmel *direct contracts* lill-individwi minghajr il-permess tal-Ministeru tal-Finanzi fejn il-valur tax-xoghol kien jaqbez it-Lm3,000.

Skont ix-xhud bdiet kontroversja ghaliex il-Bord ried ikompli ghaddej peress li din il-kondizzjoni, li tohrog mil-Ligi li tirregola l-Awtorita` tad-Djar, skont il-Bord, ma kenitx tapplika ghal din l-iskema. L-Avukat Generali kien ta parir li din il-kundizzjoni kienet torbot lill-Awtorita`.

Irrizultalu, u dan kien jirrizulta wkoll mir-rapport tal-Awditur Generali, li kemm l-attur kif ukoll l-Onor. Helena Dalli kitbu ittra fejn huma stess iddikjaraw li kienu *shareholders* ta' zewg kumpaniji separati u li dawn il-kumpaniji kienu azzjonisti fis-socjeta` *Elcar Company Ltd,* wahda mill-applikanti ghall-iskema. Il-proprjeta' offruta ghall-bejgh mill-Elcar kienet wahda minn dawk li ma kinetx kompluta.

L-Awditur Generali kien gie mitlub jinvestiga biex jistabbilixxi jekk kienx hemm xi rregolaritajiet jew le. Saret laqgha bejnu u c-Chairman tal-Awtorita` u jidher minn korrispondenza li ma kienx hemm qbil dwar dak li kien gie diskuss.

Irrizulta li l-Awtorita` tad-Djar ippreparat kovenju biex l-Awtorita` tixtri l-proprjeta` minn *Elcar Co Ltd* li kien jikkonsisti fi 12-il appartament u 14-il garaxx. Il-prezz mitlub fl-applikazzjoni kien  ta' Lm242,400 izda l-prezz li tnizzel fil- konvenju kien ta’ Lm239,400. Dawn kienu fi "*shell form"* izda fil-gurnata u hin stabbilit ghall-iffirmar tal-konvenju ma kienux tressqu.

Il-process waqaf kompletament meta nbidel il-Gvern.

Dwar il-konvenju ta' Camilleri, Bartolo u Muscat li jissemma’ fil-gurnal, u li ghalih jirreferi l-*file* HAA 25/98 il konvenju gie ffirmat fl-14/8/98 u l-ftehim jinkludi ukoll kuntratti ta' xoghlijiet li kellhom isiru mill-bejjiegh. Il-prezz li kien gie mitlub mis-sidien kien ta’ Lm338,200 pero` l-prezz miftiehem mal-Awtorita` kien ta' Lm279,500.

Lahqu gew iffirmati sitt konvenji - tnejn mal-kumpanija *Lay Lay Company Limited*, tnejn ma' certu Mario Dimech, wiehed ma' Mario Dimech u Dalli, u wiehed ma' Camilleri, Bartolo u Muscat. Kollha kellhom inkluz xoghlijiet li kellhom isiru fuq il proprjeta` mill-bejjiegh u l-prezz miftiehem kien jinkludi l-valur tax-xoghlijiet.

Mir-rapport tal-Awditur, rigward l-Elcar, jirrizulta li "*The Elcar representatives did not turn up for the signing of the relative konvenium which had been set for the 14th August."*

**In kontro ezami** qal li l-konvenju ta' Bartolo, u Camilleri kellu validita' sat-13 ta' Novembru 1998. Wara li sar l-analizi u ttiehdu l-pariri kollha rrizulta allura illi l-pariri tal-Avukat Generali kienu jindikaw li kien hemm dubbji fuq il-procedura u l-legalita` tal-procedura u l-iskema twaqqfet kompletament, u harget skema gdida fis-sena 1999 mibdula kompletament. Ebda kuntratt ma sar abbazi tal-konvenji ffirmati taht l-iskema l-antika.

Gie deciz li bhala kuncett, “il-*fatt li l-Gvern jixtri l-proprjeta minghand l-privat kien kuncett tajjeb, basta li dak il-kuncett ma jkunx fih mohbi* "*direct order", jigifieri ghotja ta' xoghlijiet diretti ghall-istess persuna li kienet qed toffri l-proprjeta` taghha direttament biex tinxtara mill-Awtorita`, u dak l-element, fost elementi ohrajn, tnehhew mill-iskema l-gdida."*

Ma ghamel ebda rapport dwar dak li sab jew ha passi amministrativi jew dixxiplinari.

Xehed **l-On. Dr. Charles Mangion**[3] u qal li (il-Harga tan-*Nazzjon tas-26/8/1998) "kif inhi pprezentata qed turi bic-car, tghid li jien involut f'xi skandlu ta' xiri ta' proprjeta` mill-Awtorita', hemm l-artikolu, d-dikjarazzjoni u l-istqarrija tal-partit stess, li qed tghid ukoll li jiena involut- "assista professjonalment" f'assjem ta' wahda u tra virgolette "assista professjonalment" qisu hemm xi implikazzjonijiet*

[3] Xhieda a fol. 59 et. seq. tal-process.

*ulterjuri, ghax qieghda 'tra virgolette' meta jien inkun qed naqdi l-professjoni tieghi, hemmhekk jien ma kelli l-ebda kariga ezekuttiva dak il-hin li kont naqdi l-professjoni tieghi normali ta' nutar illi nassisti lill-klijent tieghi. Jigifieri l-assjem kollu marbut mal-montatura tal-kaz tal-Lay Lay dawn kienu integrati kollha flimkien u l-istess ambjent, dak kollu gie prezentat b'tali mod u manjiera li jien kont involut f'xi skandlu, kont involut f'xi irregolarita, kont involut f'xi att ta' korruzzjoni...jien ninnega kompletament, jien ma kont involut f'xejn minn dan bl-iktar mod 'above board' u bl-iktar mod skont ir-regoli stabbiliti u anke skont l-etika Parlamentari."*

Dwar fatti ikkonferma li l-Gvern kien fil-process ta' negozjati mal-Elcar ghax ma kien gie konkluz xejn mal-Awtorita`. Kienu hargu *tender* pubblici minn naha tal-Awtorita`, kienet saret l-offerta, pero' l-offerta ma kenitx giet konkluza. Fi Frar tal-istess sena, meta ghamlu l-offerta, kien kiteb lill-Awtorita` u lill-Ministru kkoncernat fejn gibdilhom l-attenzjoni ghall-involviment tieghu fil-kumpanija Elcar u talbu li, minhabba natura pubblika tieghu, ghandu jgharraf lill-Awditur Generali. "*Sallum ghadni ma nafx jekk l-awtorita' jew s-Segretarju ta' l-Awtorita' Sciberras Grioli, x'mexxa u x'ma mexxiex".* Kien kiteb ukoll lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati skont l-Kodici tal-Etika.

Qal li n-negozjati u trattattivi saru ma’ Patrick Dalli li kien id-direttur ezekuttiv tal-kumpanija. Izda ma setghux jigu konkluzi minhabba li mpona kondizzjoni *a priori*. Hu qal li nsista li l-Awditur Generali jara d-dokumentazzjoni kollha u jaghti l-parir tieghu qabel ma jigi ffirmat xi dokument. "*Ghalhekk nerga’ intenni li l-ebda appuntament ghall-konvenju ma kien hemm."*

Fl-ittra li kiteb lill-Awtorita` datata l-10 ta' Frar 1998, qal li kien hemm forma ta' ftehim verbali mal-Awtorita' tad-Djar in konnessjoni ma xi *units* f'Marsaskala. Imbaghad qallu bl-involviment tieghu u ta' martu ta' 50% f'din l-azzjoni u peress li n-negozjati qeghdin jaslu sa' l-ahhar stadju ssuggerixxa li qabel ma jigi iffirmat id-dokument, l-affarijiet jigu riferuti lill-Awditur Generali biex jaghti l-opinjoni

tieghu, "*jigifieri ghamiltha tassattiva fl-opinjoni tieghi, ghalkemm kont naf li l-Housing Authority, ma kelli l-ebda dubbju fil-process taghha.*" Kiteb fl-ittra: *"The direct involvement of the Auditor General prior to the signing of the agreement and not after is recommendable, and I insist on it."* B'hekk mhux biss ma ezercitax xi pressjoni jew kien involut b'xi mod f'xi att ta' korruzzjoni jew att skandaluz imma nsista li l-Awditur Generali jara d-dokumentazzjoni kollha. Imma "*ghalija ma kien gie konkluz xejn, ma kien hemm l-ebda appuntament ghall-konvenju."*

Dwar il-konvenju ta' Lm239,000 qal li kien dak li kien qed jigi processat fir-rigward tal-Elcar u l-iehor ta' Lm279,000 kien konvenju fejn hu ta l-assistenza professjonali tieghu lill-tliet klijenti."*Issa fl-artikolu hemm intitolat 'Il-kobba tkompli tithabbel' allura hemmekk hemm l-intenzjoni tieghu cara ta' ingurja, u s-subheading "'Assista professjonalment" konvenju ta Lm279,000, anke l-implikazzjoni li l-assistenza tieghi kienet b'xi mod, kien hemm xi affarijiet ohra warajha."*

Wara li tela l-Gvern Nazzjonalista, ikkonkluda ma dawn it-tlett persuni kuntratt ta' Lm298,000 fil-21/11/2000 minn Nutar Franco Pellegrini. Wara dak l-artikolu dawn in-nies ma baqghux ifittxu l-assistenza professjonali tieghu.

Qal li l-konkluzjoni tal-artikolu '*Il-kobba tkompli tithabbel'* tghid li ma onorawx il-konvenju meta nsista li ma kienx hemm appuntament mieghu minhabba l-kondizzjoni li mpona dwar l-Awditur Generali. Ma kien hemm ebda data iffissata mieghu ghall-iffirmar tal-konvenju u lanqas kien jaf li kien hemm xi data. Izda qal ukoll li skont l-istatut Patrick Dalli seta’ jiffirma wahdu ghall-kumpanija Elcar.

Xehed **Victor Sciberras Grioli** li kien General Manager tal-Awtorita' tad-Djar minn qabel l-elezzjoni tan-1996 sas-sena 2000. Kien involut fl-iskema ghax-xiri tad-djar mertu ta' din il-kawza peress li flimkien ma' Victor Galea li kien chairman, u l-Perit Piju Busuttil, kienu jiffurmaw il-kumitat li kienet tipprocessa applikazzjonijiet taht din l-iskema.

B'riferenza ghall-artikolu li kien deher fil-gazzetta *In-Nazzjon* tas-26 ta' Awwissu 1998 qal li l-attur kien deher quddiem il-kumitat biex jassisti klijenti tieghu li kienu tlett kuntratturi minn Hal Luqa u kien hemm applikazzjoni minn kumpanija li l-attur iddikjara li kien azzjonist fiha. Fl-ewwel kaz kienu ltaqghu diversi drabi mal-kuntratturi u lahqu ftehim u sar konvenju. Fit-tieni kaz, rigwardanti l-kumpanija, hu kien iltaqa' ma' Patrick Dalli u waslu fi ftehim fuq prezz. Izda il-konvenju baqa' ma sarx.

Spjega li l-applikazzjonijiet kienu isiru lill-Awtorita tad-Djar u jigu valutati minn nies teknici tal-Awtorita' li kienu mbaghad iresqu r-rapport taghhom quddiem il-kumitat. Il-kumitat kien jibghat ghall-applikanti. Kien hemm konvenji ohrajn li ma sehhewx.

In **kontro-ezami** spjega li l-Kumitat kien jiddeciedi fuq vot unanimu. Is-sezzjoni teknika kienet tad-Dipartiment stess. L-attur kien deher mat-tliet persuni, dan ghamlu fil-kapacita` professjonali tieghu u l-procedura kienet l-istess ghal kullhadd u ma kienx hemm procedura differenti fil-kaz tal-kumpanija. X'hin waslu ghall-konvenju kellhom rapport favorevoli. Ir-rapporti teknici lehqu saru ghaliex kieku ma kienux jibghatu ghalihom ghall-konvenju. Qal ukoll li  n-negozjati saru ma' Patrick Dalli u kien hemm qbil bejn il-membri kollha tal-kumitat. Il-gurnata ghall-iffirmar tal-konvenju tkun iffissata mill-Awtorita' tad-Djar jew mill-Bord. Hu qal li ma sarx ftehim specifiku mal-kumpanija tan-Nutar Mangion biex isir il-konvenju. Kien kitbilhom hu biex jigu ghal konvenju. "*Ma ftehmnix ma' min ser jbieghlna ghad-data tal-konvenju. Ktibtilhom fuq istruzzjonijiet tal-Bord.*"

Rigward l-allegazzjoni li kien hu li ta informazzjoni dwar dawn it-transazzjonijiet qal li "*fil-fatt hekk qalu fil-gazzetti u mort quddiem il-Kummissjoni tal-Korruzzjoni fejn tlabthom biex jinvestigaw.*"

Xehed **Patrick Dalli** u qal li kien shab mal-attur fil-kumpanija *Elcar Developments Ltd.* Meta harget l-iskema ghax-xiri ta' proprjeta' mill-Gvern kiteb lill-Awtorita' tad-Djar u anke iltaqa' mal-kumitat fejn kien hemm is-Sur

Sciberras Grioli. Kien hemm xi 28 kuntratturi ohra li kienu applikaw ghal din l-iskema ukoll. Peress li martu, Helena Dalli, kienet Segretarja Parlamentari, kiteb lill-Ministru responsabbli ghall-Awtorita` fejn infurmah bl-interess li kellha martu fil-kumpanija msemmija u biex javza lill-Awditur Generali qabel l-iffirmar ta' ftehim bejn il-kumpanija u l-Awtorita`.[4] Kopja ta' din l-ittra intbaghtet lill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati. L-*acknowledgement* wasal b'ittra datata 30 ta' Gunju 1998. F'Gunju difatti rcevew ittra mill-Awtorita` fejn intalab jaghti xi nformazzjoni biex ikun jista' isir il-konvenju. Kellem lill-Victor Sciberras Grioli fuq it-telefon u qallu li kellu jgib konferma minghand l-Awditur Generali u l-iSpeaker l-ewwel.

Wara sema' "*Patrick Dalli u l-Onorevoli Helena Dalli qed jaghmel korruzzjoni*" u rrefera ghall-artikolu fin-Nazzjon tat- 3 ta' Settembru 1998. Fil-gazzetta qalu li ffirmaw il-konvenju meta dan ma kienx minnu. Skont hu nkixef is-Sur Grioli ghaliex kellu dik l-ghaggla kollha. Fl-artikolu imsemmi hemm il-mistoqsija "*Ghaliex il-process kollu tal-iffirmar tal-konvenju sar fil-granet ta' qabel l-elezzjoni u mhux wara?*" Qal ukoll "*Qatt ma ffirmajna konvenju! ....Appuntament biex niffirmaw il-konvenju qatt ma kelli. Ghafasni s-Sur Grioli biex nghidlu nhar il-gimgha, ghadni niftakar..ghidtlu...ma jien ser naghmel xejn qabel ma jkolli l-karta.*"

**In kontro-ezami** qal li kien gja tkellem mal-Housing qabel il-31 ta' Jannar 1998 ghax kien interessat. Qal li kien sema' bl-iskema bhal ma semghet Malta kollha. Mistoqsi kif sema' meta l-iskema harget fit-13 ta Frar 1998 wiegeb li sema' l-ghajdut u ammetta li offra proprjeta partikolari fi Triq il-Qaliet u f'New Street Marsascala izda ma setax jghid li tkellem fuq proprjeta` partikolari qabel ma harget l-iskema.

Qal li Sciberras Grioli ssuggerielu data ghall-konvenju iktar minn tliet darbiet bil-fomm. L-attur qatt ma kien

[4] Ittra a fol.125 tal-process datata l-1 ta' Frar 1998 u *acknowledgment* datata t-30 ta' Gunju 1998 a fol.124 tal-process.

mieghu waqt il-laqghat li kellu. Huwa azzjonist fil-kumpanija imma x-xhud imexxi l-kumpanija "*jien biss".* Kien qallu hu lill-attur dwar l-offerta u dan halla kollox f'idejn ix-xhud.

Rega' xehed l-**attur in-Nutar Dr. Charles Mangion**[5] li pprezenta kopja tat-tape tad-dibattitu fuq it-*television* li kien sar fis-26 ta' Awwissu 1998 (**Dok. CMZ**) u traskrizzjoni tat-tape ezebit bhala **Dok. CMZ1** a fol. 128 u 129 tal-process odjern). Dawn iz-zewg faccati jirriproducu l-partijiet rilevanti ghall-kaz u huma mertu ta' kawza ohra fl-ismijiet: "*L-Onor. Dr. Charles Mangion -v- L-Onor. Perit George Pullicino (Cit 1768/1998)*.

Hu qal li jahdem professonjalment mal-*Lay Lay*. Qal li dak li intqal "*L-assjem taghha u l-konkluzjonijiet taghha huma ingurjuzi. Qatt ma kien hemm data biex isir il-konvenju. Qatt ma kien hemm ftehim mieghi. Hawnhekk qed jghid li ma mortx niffirma ghax kixef l-iskandlu Dr. Fenech Adami. Dan mhux minnu. Fir-rigward tal-Cottonera, ma kelli interess ma' l-ebda wahda mill-konsorzji. Fl-ebda wahda mill-progetti ma kelli nvolviment u interess"* sakemm kont fil-kariga ta' Ministru. "*Imbaghad meta spiccajt minn Ministru u bdejt nahdem ta' Nutar wiehed mill-konsorzji beda jistaqsini biex nahdimlu professjonalment."*

**In kontro-ezami** qal li l-Ministru tal-Housing kien ilu jaghmel kjamati ghal min kien interessat u saret offerta minn *Elcar Limited* gestita minn Patrick Dalli. "*Imbaghad hemm l-istorja kollha fejn jien ktibt lill-Ministru."* Kien Ministru bejn Novembru 1996 sa Jannar 1998.

Xehed **il-Ministru l-Perit George Pullicino** riferibbilment ghad-diskors li ntqal f'dibattitu politiku, mertu ta' kawza ohra konnessa, (Citazz 1768/1998 LSO) u qal li l-argument li ried igib il-Partit Nazzjonalista kien li dak li kien qed isir u nbeda li jsir kienx rizultat ta' "*under the table information"* li wiehed sar jaf biha minhabba l-posizzjoni tieghu. Dik il- mistqosija, skont ix-xhud, giet indirizzata fir-rapport tal-awditur generali li qal li l-iskema

[5] Xhieda a fol. 125. et.seq. tal-process.

harget wara li saru l-offerti. Difatti l-ittra mibghuta minn Patrick Dalli kienet datata 11 ta’ Frar 1998 meta l-iskema harget fil-Gazzetta tal-Gvern fit-13 ta' Frar 1998. "*Din kienet xi haga li giet abbuzata ghall-fatt li haddiehor kien vantaggjat quddiem ic-cittadin komuni."*

Bhala Deputat fil-Kamra ra l-ittri li baghtu l-attur u l-Onor. Helena Dalli lill-iSpeaker li kienu datati it-3 u s-6 ta Lulju 1998 rispettivament.

Bhala rapprezentant tal-Partit Nazzjonalista hu kien ried juri li kien hemm hafna mistoqsijiet fuq il-process kollu ta' din l-iskema li gew affermati mir-rapport tal-Awditur iktar tard. Per ezempju, li l-iskema kienet mibnija fuq xiri ta' proprjeta` li tithallas anke fuq xoghlijiet li ghad iridu jsiru. L-Avukat tar-Repubblika kien gibed l-attenzjoni li transazzjonijiet bhal dawn kellhom bzonn l-approvazzjoni minn qabel tal-Ministru tal-Finanzi izda mir-rapport tal-Awditur Generali rrizulta li din l-approvazzjoni ma kenitx inghatat u hu kien jinsab infurmat li lanqas intalbet.

**In kontro-ezami** xehed li l-ittra mibghuta mill-attur u mill-On. Helena Dalli li l-iSpeaker rahom ftit granet qabel ma xehed, u cioe` wara li ghamel id-diskors fil-programm. Ukoll ra r-rapport tal-Awditur wara li tkellem fuq il-programm. Id-diskors tieghu fil-programm "*kien ibbazat mill-fatt li kemm jien u kemm il-Partit Nazzjonalista li kont nirraprezenta f'dak il-programm, il-bizghat li kellna li kien hemm min kien vantaggjat fl-iskema kollha ghax kien ghamel sottomissjonijiet ghall-bejgh ta' proprjeta` anke qabel stess ma harget l-istess skema, effettivament dawk il-bizghat gew konkretizzati wkoll fid-diskors u l-kitba li kien hemm fir-rapport tal-Awditur. Jekk xejn kellek konferma ta' dak li ghidt. Konferma mir-rapport tal-Awditur."*

Mistoqsi dwar dak li qal li l-attur ma ffirmax il-konvenju ghaliex Eddie Fenech Adami kixef dak l-iskandlu wiegeb li ghadu ma jafx ghalfejn l-attur ma marx. Meta baghat l-ittra lill-iSpeaker fit-3 ta' Lulju 1998, ftit granet qabel ma harget l-istorja, hu assuma li l-attur kien ghadu interessat biex isir

in-negozju. L-opinjoni tieghu ta’ politiku kienet li ma marx biex jiffirma ghaliex probbabbilment inkixef il-kaz politiku.

Gie mistoqsi: "*Inti sejjahtlu skandlu, jigifieri dak li kien qed jaghmel l-attur kien skandlu hux hekk?*

*R. Id-definizzjoni ta’ skandlu hija relattiva mal-morali u l-etika li tadotta l-persuna.*

*M. Jigifieri fil-fehma tieghek l-attur ghamel xi haga illegali jew irregolari?*

*R. Illegali nahseb li trid tiddecidieh il-Qorti..Irregolari fl-opinjni tieghi iva. Ghalhekk sejjahtlu skandlu ghax huwa irregolari li inti tmur tinnegozja fuq proprjeta` ghal skema meta dik l-iskema lanqas biss tkun harget ghall-pubbliku."*

**<u>L-ewwel Eccezzjoni</u>**

Rigward l-ewwel eccezzjoni fejn il-konvenuti jghidu li ma jistax ikun hemm zewg awturi ghall-istess kitba, l-abbli difensur tal-attur jissottometti li diversi persuni jistghu jkunu firmatarji tal-istess stqarrija. Dan il-punt proprju gie trattat mill-Qorti ta' l-Appell fil-kaz fl-ismijiet "***Dr. Gavin Gulia -v- David Agius u l-Partit Nazzjonalista” –*** *Dec. fit-12 ta' Lulju 2005.* Il-Qorti iddeciediet li: "*Kwantu ghat-tieni aggravju",* (fejn tqajmet eccezzjoni simili) "*dan jirrapprezenta l-fieragh. Il-prova dokumentarja turi – u dan ma giex kontradett mill-konvenuti – li l-istqarrija kienet tal-konvenut Partit Nazzjonalista daqs kemm kienet ta’ min iffirmaha, b’mod ghalhekk li z-zewg konvenuti huma “l-awturi tal-kitba” ghall-finijiet tal-paragrafu (a) tal-Artikolu 23 tal-Kap. 248, u l-azzjoni, ghall-anqas dik civili, tista’ titmexxa kontra t-tnejn. Meta s-Segretarju Informazzjoni ta’ partit politiku (jew ufficjal iehor li jista’ ragjonevolment jitqies li jkun qed jitkellem a nom ta’ dak il-partit u mhux ghalih personali) johrog stqarrija taht il-firma tieghu u f’dik il-kwalita` tieghu u, per di piu`, fuq letterhead tal-istess partit, l-awtur ta’ dik l-istqarrija ikun kemm il-firmatarju kif ukoll dak il-partit sakemm ma jigix pruvat mod iehor. "*

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

**<u>It-Tieni Eccezzjoni</u>**

Permezz tat-tieni eccezzjoni, il-konvenuti jghidu li "*l-istqarrija in kwistjoni tikkontjeni fatti lill-eccipjenti ser jippruvaw il-verita' taghhom u opinjonijiet li jammontaw ghall-'fair comment'*."

Il-Qorti taghmel riferenza ghall-gurisprudenza migbura fil-kawza konnessa fl-ismijiet "**L-Onor. Dr. Charles Mangion -v- Joseph Zahra"** (Citazz 1742/1998) deciza llum stess, dwar :

i) L-*exceptio veritatis;*
ii) Id-difiza ta' *fair comment;*
iii) L-applikazzjoni tal-principji li jirregolaw l-materja in ezami fil-konfront ta' persuna pubblika bhal ma kien l-attur fiz-zmien tal-pubblikazzjoni tal-Istqarrija, ukoll fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem;

iv) Il-bilanc li ghandu jigi zgurat bejn il-bzonn li s-socjeta` demokratika jithalla spazju sufficjenti ghall-liberta` li wiehed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-gudizzju tieghu, mal-bzonn l-iehor, xejn anqas mehtieg, tad-difiza tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'socjeta` demokratika ghandu kull dritt li jgawdi.

Dawn il-principji, assodati fil-gurisprudenza taghna, huma ta' gwida ghal din il-Qorti fl-apprezzament taghha tal-fatti odjerni.

**Applikazzjoni Ghall-Fatti**

L-attur jghid li "*il-malafama hija evidenti. L-allegazzjoni li l-attur flimkien ma' tal-qalba qed jahtfu l-miljuni lejliet l-elezzjoni, jew li kien involut fi skandlu li kellu jwassal ghat-tkeccija tieghu mill-Prim'Ministru hija kjarament malafamanti u bl-ebda mod ma giet sostnuta mill-provi*."

L-Istqarrija in ezami ssib is-sottofond taghha fi Skema ghax-Xiri ta' Proprjeta` mill-Privat li giet ufficjalment imhabbra mill-Awtorita` tad-Djar fit-13 ta' Frar 1998. Din l-

iskema gibdet il-kritika tal-Partit Nazzjonalista espressa f'din l-Istqarrija, u bil-mezzi tal-istampa taghha u bi kritika ta' deputati ohra tal-Partit (ara z-zewg kawzi konnessi) in kwantu li sejhula "*suspettuza" (vide xhieda tal-Onor. Prim' Ministru Dr. E. Fenech Adami )* kif ukoll "*skandaluza"* jew skema ta' *"xiri skandaluz"* (ara l-Istqarrija , kif ukoll l-artikoli ippubblikati fil-gazzetta "In-Nazzjon").

Jirrizulta mill-provi li l-kritika kienet tirrigwarda diversi fatturi:-

a. Irregolarita' in kwantu li uhud mill-proprjetajiet li kienu qed jigu offruti lill-Gvern, fosthom ghall-prezzijiet sostanzjali, lanqas kienu kompluti (fosthom konvenju ta' Lm1.4 miljun mas-socjeta' Lay Lay Co Limited). F'dan il-kaz ix-xiri kien jinkludi prezz ta' xoghlijiet li kien ser jithallas lill-bejjiegha *qua* kuntratturi, minghajr l-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

b. L-allegazzjoni li diversi Ministri u Deputati Laburisti, kif ukoll kumpaniji vicin tal-Partit Laburista, kienu ser jibbenefikaw mill-iskema ftit granet biss qabel l-Elezzjoni Generali inkluz il-kumpanija Elcar Company Limited, li fiha l-attur, permezz ta' kumpanija privata tieghu, kellu sehem u interess. Dan gie kkonfermat mir-Rapport tal-Awditur mahrug ftit granet wara l-Istqarrija fil-31 ta Awwissu 1998.

3. Li kien hemm informazzjoni dwar l-iskema qabel ma giet reza pubblika b'mod li kien hemm abbuz ghall-fatt li haddiehor kien vantaggjat quddiem ic-cittadin komuni (*vide* xhieda tal-Onor. George Pullicino).

Il-Qorti hi tal-fehma li s-segwenti fatti gew ppruvati:

1. L-involviment tal-attur f'konvenju ghall-bejgh lill-Awtorita' tad-Djar ta' proprjeta` fil-valur ta' Lm239,400 mis-socjeta` *Elcar Company Limited*, f'liema socjeta' l-attur u martu huma nvoluti *tramite* socjeta` ohra bl-isem *Kappara Properties Limited (*ammessa mill-attur u minn Patrick Dalli).

2. Li l-Awtorita' tad-Djar kienet lestiet il-konvenju ghall-iffirmar mal-Elcar Co. Limited izda l-kumpanija ma onoratx il-konvenju. (Ara konferma minn Victor Sciberras Grioli).

3. Jirrizulta anke mix-xhieda ta' Patrick Dalli, li dan kien beda n-negozjati qabel ma l-iskema thabbret pubblikament.

4. L-attur ma cahadx li l-proprjeta' li kienet giet offruta mill-Elcar ma kinetx kompluta u ghalhekk setghet giet milquta mill-kwistjoni li tqajmet internament fid-Dipartiment dwar il-legalita' ta' ftehim li kienet qed toffri hlas ghal xoghlijiet li kellhom isiru mill-bejjiegha minghajr il-permess tal-Ministru tal-Finanzi.

Dawn il-fatti huma sostanzjalment ippruvati.

Kif jinghad mill-**Gatley**[6] "*where the libel is stated as a general conclusion founded on certain discreditable incidents in the public life of the plaintiff, the defendant need not prove that all the separate incidents are true in order to establish a plea of justification; it will suffice if he proves enough to justify the jury in coming to the view that his general conclusion is justified."*

Izda l-prova tal-verita` tal-fatti wahdu ma jezonerax lill-konvenuti b'mod assolut. **Skont l-artikolu 12(2)(a) tal-Kap. 248 "** *.. il-prova tal-verità tal-fatti attribwiti ma teħlisx lill-akkużat mill-piena għal insulti, akkużi jew allegazzjonijiet illi l-qorti jkun jidhrilha li ma kenux meħtieġa li jiġu attribwiti lill-persuna offiża l-fatti li l-prova tagħhom tkun ġiet ammessa."*

Din il-Qorti, fil-kawza "**Onor. Charles Mangion v Joseph Zahra"** deciza illum ikkonkludiet li d-deskrizzjoni ta' din l-Iskema bhala wahda "skandaluza" hija "*value judgment"* gustifikabbli fic-cirkostanzi , fl-isfond tal-fatti ppruvati. Huwa fatt li l-attur kien applikant fost ohrajn f'din l-iskema, li, fl-opinjoni tal-Partit Nazzjonalista, u tal-awtur tal-Istqarrija, kienet skema skandaluza u suspettuza.

[6] ***Op. cit.*** **para. 1294**

Ghalhekk, *nolens volens* kien involut f'tali skema u bhala persuna pubblika, kien mistenni li kien konsapevoli tal-kontroversja shiha politika li tqajmet dwarha u li l-involviment tieghu kien ser jigbed skrutinju akbar.

Din il-Qorti ma tistax tikkritika dik il-parti tal-Istqarrija li tfakkar lill-Prim Ministru Dr Alfred Sant fil-weghda tieghu li jkecci Ministri jew Deputati li jkunu mdahhlin "*fi skandli bhal dawn*" ghaliex dan il-kumment huwa konsistenti u isegwi mill-karatterizzazzjoni tal-Iskema bhala wahda "*skandaluza".* Hija gustifikata mill-kumpless tal-provi prodotti. Ma jfissirx b'hekk li l-Qorti qed taqbel li l-attur kellu jitkecca, jew li kien ser jippartecipa volontarjament f'xi att irregolari jew addirittura illegali, imma li l-kumment kien isegwi logikament mill-fehma tal-Partit Nazzjonalista dwar l-irregolaritajiet li kien hemm fl-Iskema.

L-attur isostni li din l-Istqarrija, flimkien mal-artikoli fil-gurnal "*In-Nazzjon "* u dak li jissejjah "l-attakk tal-Perit George Pullicino" huma "*parti minn montatura shiha mahsuba biex tiskredita lill-attur u l-partit tieghu ftit jiem qabel l-elezzjoni."*[7]

B'dan il-Qorti qed tigi mistiedna li taghmel valutazzjoni ta' dawn il-pubblikazzjonijiet bhala parti minn azzjoni unika u komplessiva. Dan ma tistax taghmlu ghaliex ghandha tezamina kull artikolu, publikazzjoni jew xandira separatament u taghti gudizzju separat.

Izda lanqas m'hu pruvat li kien hemm *montatura.* Huwa fatt indiskuss li l-Iskema li hija in-ness komuni li torbot it-tlett kazijiet, kienet is-suggett ta' dibattitu politiku fiz-zmien qrib l-elezzjoni u huwa ovvju li dak li Partit jikkonsidra li huwa skandlu, ser jigi diskuss fil-mezzi kollha tax-xandir. Dan m'hu xejn hlief manifestazzjoni tad-dritt ghall-liberta' tal-espressjoni hu *politics in action*. Huwa fatt li n-Nutar Charles Mangion kien wiehed fost diversi applikanti, inkluzi Deputati ohrajn Laburisti, li xtaq jipprevali ruhu minn din l-Iskema, u l-pubbliku ghandu dritt li ikun mgharraf b'dawk in-negozjati, fejn kien hemm involuti l-

[7] Nota ta' sottomissjonijiet tal-attur.

flus tal-poplu, li kiemu ghaddejjin bejn membru tal-Parlament u l-Gvern, sabiex jigi zgurat l-akbar trasparenza u kontabbilta'. Ghalhekk huwa mhux biss id-dritt, imma d-dover ta' Partit Politiku li jindaga, jistaqsi, u jesprimi opinjoni dwar dak li hu ta' interess pubbliku b'mod hieles. Dan id-dritt mhuwiex assolut izda fil-limiti imposti mil-Ligi u skont il-principji l-aktar sanciti mill-Qorti Ewropea, l-Qrati ghandhom obbligu li jsibu bilanc bejn id-dritt tal-pubbliku,minn naha wahda, u d-dritt tal-individwu ghar-reputazzjoni tieghu,minn naha l-ohra, u dejjem b' applikazzjoni ta' margini aktar wiesa' fejn hu nvolut bniedem politiku.

L-attur b'hekk mhux gustifikat meta jikkonkludi li dan kollu kien "montatura" diretta kontrih. Politikant ghandu jkun ppreparat ghall-iskrutinju tal-pubbliku u m'ghandux il-lussu li johnoq l-opinjoni pubblika, jew f'dan il kaz, l-opinjoni politika tal-partit oppost, meta jsib ruhu involut f'xi kontroversja politika fejn il-provi jistghu jiggustifikaw l-opinjonijiet espressi.

Il-kwistjoni hija xort'ohra fejn ma hemm ebda gustifikazzjoni ghaliex "*kulhadd – anke l-politici – ghandhom dritt ghar-reputazzjoni taghhom.* "Ara “**Onor. Eddie Fenech Adami *et* -vs- Malta Labour Party *et***”, 9 ta’ Frar, 2007 u “**Onor. Prim Ministru Dr. Alfred Sant -vs- Onor.Dr. Austin Gatt *et***”, 29 ta’ Ottubru, 2007.

Ghaldaqstant, jekk il-materja in ezami, timplika, <u>minghajr ebda gustifikazzjoni</u>, gudizzju ta' dizvalur fuq ir-reputazzjoni tal-persuna kkritikata, dik l-istess kritika ma tistax titqies li hija legittima, ossia "fair comment."

Fil-kaz odjern, l-asserzjoni li l-attur huwa parti mill-"*qalba li qed jippruvaw jahtfu l-miljuni lejliet l-elezzjoni*" ma ssib ebda gustifikazzjoni la fil-fatti fuq rapportati, u wisq inqas, bhala *fair comment.* L-implikazzjoni cara ta' dan l-*istatement*, kif tiftiehem minn persuna ta’ intelligenza

normali'[8] hija li l-attur xjentement ippartecipa fi skema ta' korruzzjoni biex jahtaf kemm jiflah flus qabel l-elezzjoni.

Dan assolutament ma kienx il-kaz u lanqas tressqet l-icken prova dwar dan. Ghall-kuntrarju, hareg mix-xhieda tan-Nutar Charles Mangion, u anke mill-provi dokumentari, li mhux biss iddikjara l-interess tieghu, imma sahansitra impona bhala *pre-condition* tassattiva ghall-iffirmar ta' kwalsiasi ftehim mal-Awtorita' tad-Djar, l-approvazzjoni tal-Awditur Generali. B'dan hu personalment mexa bl-akbar trasparenza u korrettezza. Li kieku l-Awditur Generali approva l-konvenju, dan il-ftehim kien jitqies bhala wiehed permissibbli u regolari.

Fid-dawl ta' din il-konsiderazzjoni, l-konkluzjoni hekk migbuda mill-Istqarrija kienet zbaljata, u malizjuza in kwantu intiza  biex timmina u tiskredita r-reputazzjoni u l-integrita' personali tieghu b'dannu personali ghalih, specjalment f'perjodu fejn kien qed jikkandida ruhu f'elezzjoni generali. Biex tirnexxi difiza ta' *fair comment,* jenhtieg li "*ikun hemm certu bilanc bejn il-fatti u l-kumment li jkun sar fuq il-fatti. Din certament teskludi kwalunkwe malizja li tikkawza minnufih zbilanc fir-relattivita' bejn il-fatti u kumment" (**Pulizija v Michael Falzon-** App. Krim. dec. fl-1 ta' Dicembru 1997).* Kif jghid Gatley[9] "*If the offence is malicious, the defence (of fair comment) will fail."*

Il-Qorti tikkonsidra li l-*animus injurjandi* tal-konvenuti hija manifesta fil-kliem testwali hawn rapportati. Filwaqt li ma jinkombix fuq l-attur li jressaq prova li tirrigwarda l-intenzjoni tal-awtur, min-naha l-ohra, kif gie ribadit fil-kawza "***Onor. Prof. John Rizzo Naudi -vs- Felix Agius et***", (Appell, 13 ta' Mejju 1997): "*Meta allura l-kliem huma per se ingurjuzi, allura hemm il-presunzjoni li wiehed ikun qieghed jiddivulga proposizzjoni infamanti*. *Tali presunzjoni hija naturalment "juris tantum" ...Li jfisser f' dan il-kaz li l-konvenut hu mghobbi bil-piz li jeskludi* l-

[8] Ara s-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Onor. **Dr. G. Cassar vs Dr. Joseph Muscat** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Lulju 1984.

[9] Op.cit. page 730

”*animus injurandi*”. (Ara wkoll **Kollez. Vol. XLV P IV p 972 )**. Fil-fehma tal-Qorti, l-konvenuti ma ssodisfawx dan il-piz ta' prova.

**Danni**

Taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "***Vincent Borg vs Victor Camilleri*** "et datata l-15 ta' Novembru ta' l-1994 fejn gie ritenut is-segwenti:

*“Id-danni li ghandha tillikwida l-Qorti ghall-hsara sofferta mill-atturi mhux soggetta ghal xi regoli bhal fil-kaz ta' danni reali kkontemplati fil-Kodici Civili. Il-ligi ta' l-Istampa thalli l-likwidazzjoni tal-kumpens fid-diskrezzjoni kompleta tal-gudikant b'limitu ta' elfejn Lira Maltin, (Lm2,000), (liema limitu kien sussegwentement estiz ghallammont ta' hamest elef Lira Maltin, (Lm5,000)."*

Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet “**Carmel Tonna *et* -vs-Felix Agius *et***”, Prim' Awla, Qorti Civili, per Mhallef J. Said Pullicino, 23 ta' Marzu 1993, *“dawn id-danni m'ghandhomx jigu likwidati ‘in vacuo', imma ghandhom jigu relatati mal-hsara li l-kitba ingurjuza setghet potenzjalment tikkreja lil-libellati jew li tkun attwalment ikkagunatilhom, danni li mhux necessarjament ikunu materjali u reali, imma jistghu jkunu wkoll ta' indole morali u astratta, in kwantu jolqtu l-unur u l-fama.”*

Ikkonsidrat li l-attur hu gustifikat li jhoss ruhu offiz in kwantu dak li ntqal fuqu hawn fuq rapportat kien malizjuz u ingurjuz. Ghalhekk qed tillikwida *in linea* ta' danni l-ammont komplessiv ta' elf u hames mitt ewro (€1,500) pagabbli kwantu ghall-hames mitt ewro (€500) mill-konvenut l-Onor. Mario Galea, u elf ewro (€1,000) pagabbli mill-konvenut Partit Nazzjonalista.

**III. <u>KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti **, tilqa'** t-talbiet attrici u **:**

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara illi l-istess konvenuti taw malafama lill-attur bl-istampat imsemmi fic-citazzjoni bil-ghan li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni tieghu b'riferenza ghal dik il-parti fuq rapportata;

2. Tikkundanna lil kull wiehed mill-istess konvenuti ihallsu lill-attur danni li qed jigu likwidati, kwantu ghall-konvenut l-Onor. Mario Galea, fis-somma ta' hames mitt ewro (€500) u kwantu ghall-konvenut il-Partit Nazzjonalista fis-somma ta' elf ewro (€1,000) bhala danni u riparazzjoni tal-ingurja morali u malafama li huwa sofra bil-pubblikazzjoni fuq imsemmija bl-imghax legali kontra l-konvenuti li jibda jiddekorri millum sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez jithallsu mill-Partit Nazzjonalista.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------